IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2019
COM(2019) 266 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni ex post tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2017 (Pafos u Aarhus)**

{SWD(2019) 203 final}

MT MT

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Evalwazzjoni ex post tal-Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-2017 (Pafos u Aarhus)**

## 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport qed jiġi ppreżentat skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 2006 li tistabbilixxi Azzjoni Komunitarja għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin mill-2007 sal-2019[1], li jistipula li kull sena l-Kummissjoni tiżgura li ssir evalwazzjoni esterna u indipendenti tar-riżultati tal-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura tas-sena ta' qabel[2], u tirrapporta dwar dik l-evalwazzjoni lill-Istituzzjonijiet u lill-korpi rilevanti tal-UE.

Is-sejbiet u l-metodoloġija tal-evalwazzjoni ex post huma ppreżentati b'mod aktar komprensiv fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja dan ir-rapport.

## 2. IL-KUNTEST TAL-AZZJONI

### 2.1. L-Azzjoni tal-UE għall-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura (ECOC)

Mit-tnedija fl-1985[3] – fil-livell intergovernattiv – tal-Belt Kapitali Ewropea tal-Kultura, l-iskema ġiet żviluppata f'Azzjoni tal-UE stabbilita bis-sħiħ fl-1999[4]. Bħalissa din hija regolata mid-Deċiżjoni Nru 445/2014/EU[5], iżda l-bliet li ġew nominati bħala ECOC għas-snin sal-2019 huma regolati mid-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

L-Azzjoni ECOC hija mfassla biex tenfasizza r-rikkezza u d-diversità tal-kulturi fl-Ewropa u l-karatteristiċi komuni tagħhom, u b'hekk tħeġġeġ liċ-ċittadini Ewropej isiru jafu lil xulxin aktar. L-Azzjoni hi maħsuba wkoll biex tistimola l-iżvilupp fit-tul tal-bliet imsejjes fuq il-kultura f'sens usa' tat-terminu, li jimplika impatti soċjoekonomiċi, it-tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-operaturi kulturali, l-artisti u l-bliet fl-Ewropa, kif ukoll l-involviment u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini lokali (u barranin) fil-kultura.

### 2.2. L-għażla u l-monitoraġġ tal-ECOC għall-2017

Skont id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE, Ċipru u d-Danimarka kienu ż-żewġ Stati Membri intitolati li jospitaw l-ECOC fl-2017.

Il-proċessi tal-għażla, maqsuma f'żewġ fażijiet (l-ewwel selezzjoni u r-rakkomandazzjoni finali), saru b'mod parallel mill-awtoritajiet rilevanti ta' dawn iż-żewġ Stati Membri (jiġifieri l-Ministeri tal-Kultura rispettivi tagħhom). L-offerti mressqa mill-bliet kandidati ġew eżaminati bir-reqqa minn bord ta' tlettax-il membru, li sitta minnhom inħatru mill-Istat Membru kkonċernat u s-sebgħa l-oħra mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-Unjoni Ewropea,

---

1 ĠU L 304, 3.11.2006, p. 1.

2 It-test sħiħ tal-evalwazzjoni huwa disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/sites/creative-europe/files/ecoc-2017-evaluation-en.pdf.

3 Ir-Riżoluzzjoni tal-Ministri responsabbli għall-Affarijiet Kulturali li ltaqgħu fil-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 1985 dwar l-avveniment annwali "Il-Kapitali Ewropea tal-Kultura" (85/C 153/02).

4 Id-Deċiżjoni 1419/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 li tistabbilixxi azzjoni tal-Komunità għall-avveniment tal-Kapitali Ewropea tal-Kultura għas-snin 2005 sa 2019 (ĠU L 166, 1.7.1999, p. 1). Dik id-Deċiżjoni ġiet emendata bid-Deċiżjoni 649/2005/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 117, 4.5.2005).

5 Id-Deċiżjoni Nru 445/2014/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għas-snin 2020 sal-2033 (ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1).

abbażi tal-objettivi u l-kriterji stipulati fid-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE. Fil-kompetizzjoni ħadu sehem tlett ibliet f'Ċipru u żewġt ibliet fid-Danimarka. Il-fażijiet ta' qabel l-għażla u tal-għażla finali seħħew fl-2011 u fl-2012 rispettivament, u fit-tmiem tal-proċess il-bord irrakkomanda li t-titolu tal-ECOC għall-2017 jingħata lil Pafos u Aarhus[6]. F'Mejju 2013[7], iż-żewġt ibliet inħatru formalment mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

Wara dan, fiż-żewġt ibliet saru arranġamenti ta' monitoraġġ: il-progress li għamlu l-bliet fejn jidħlu t-tħejjijiet ġie segwit u mmexxi minn bord magħmul minn seba' esperti indipendenti, maħtura mill-istituzzjonijiet u mill-korpi tal-UE, li kellhom il-kompitu addizzjonali li jiżguraw il-konformità mal-programm u mal-impenji li abbażi tagħhom kellhom jintgħażlu l-bliet. Fil-ħarifa tal-2014 u fir-rebbiegħa tal-2016, ir-rappreżentanti ta' Pafos u ta' Aarhus attendew żewġ laqgħat formali ta' monitoraġġ organizzati mill-Kummissjoni. Fi tmiem il-proċess ta' monitoraġġ, il-bord għamel rakkomandazzjoni pożittiva lill-Kummissjoni dwar l-għoti tal-premju ta' EUR 1.5 miljun f'ġieħ Melina Mercouri lil kull waħda miż-żewġt ibliet. Il-premju fi flus – iffinanzjat fil-qafas tal-programm Ewropa Kreattiva[8] – tħallas liż-żewġ ECOC fil-ħarifa tal-2016.

### 2.3. It-temi u l-fokus taż-żewġ ECOC għall-2017

Il-belt ta' Pafos fil-Punent ta' Ċipru tmur lura għall-Perjodu Neolitiku. Il-belt u l-pajjiż kollu kemm hu jinsabu fil-qalba tal-Lvant tal-Mediterran u dan jagħmel lil dan ir-reġjun ċentru multikulturali. B'popolazzjoni ta' 35 000 persuna biss, il-belt ta' Pafos hija wkoll waħda mill-iżgħar ECOC li qatt kien hemm. L-idea ċentrali tal-programm Pafos 2017 kienet imsejsa fuq it-tradizzjoni antika, meta l-kultura żviluppat fi spazji miftuħa. Il-"Fabbrika ta' Kultura Miftuħa" (terminu li jidher ħafna fl-offerta) li ffurmat parti importanti mill-programm kulturali wegħdet li żżur iż-żoni u l-komunitajiet kollha f'Pafos, li turi l-attivitajiet tal-programm Pafos 2017 u li toħloq spazju komuni ta' komunikazzjoni u kooperazzjoni għal kulħadd. Din l-idea ċentrali ma kinitx tikkonsisti biss minn spazji miftuħa iżda anke minn ftuħ f'termini ta' tolleranza, aċċettazzjoni, inkoraġġiment u integrazzjoni ta' kulturi, ideat u twemmin differenti.

L-għan tal-ECOC f'Pafos kien espress fil-motto tagħha "Ngħaqqdu l-Kontinenti – Innaqqsu d-Distakk bejn il-Kulturi". Il-motto rrifletta l-ħtieġa li l-abitanti separati ta' Pafos, inklużi r-residenti permanenti, il-viżitaturi u l-immigranti jiġu konnessi ma' xulxin, u li jiġi eliminat id-distakk ta' bejniethom. Il-motti enfasizza wkoll l-importanza li ż-żoni mifruxa tal-belt jiġu konnessi ma' xulxin u li l-provinċja kollha ta' Pafos tinbidel fi spazju komuni kondiviż miċ-ċittadini kollha tagħha, kemm b'mod letterali kif ukoll b'mod metaforiku. Fl-aħħar, enfasizza l-ħtieġa li jiġu eliminati d-differenzi bejn il-komunità Ċiprijotta Griega u l-komunità Ċiprijotta Torka permezz ta' diversi proġetti.

Il-belt ta' Aarhus twaqqfet fis-seklu 8 bħala insedjament iffortifikat tal-Vikingi f'port naturali fil-bokka ta' xmara. F'dawn l-aħħar għaxar snin, Aarhus kibret b'mod konsiderevoli, biż-żieda ta' aktar minn 15 000 resident ġdid mal-popolazzjoni tagħha (li issa għandha 335 000 abitant) u bil-ħolqien ta' 20 000 impjieg ġdid, l-aktar fl-industriji tal-għarfien, is-servizzi u l-innovazzjoni. Din hija wkoll l-akbar belt tar-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali, wieħed mill-ħames reġjuni li nħolqu fl-2007. L-applikazzjoni ta' Aarhus għall-ECOC irriżultat bħala parti minn pjan akbar għall-iżvilupp tal-belt, li ffoka fuq żviluppi ta'

---

6 Ir-rapporti kollha tal-bord fir-rigward tal-fażi ta' qabel l-għażla, tal-għażla u tal-monitoraġġ huma disponibli fuq il-paġna web li ġejja: http://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/actions/capitals-culture_en.htm

7 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2013/286/UE tas-17 ta' Mejju 2013 li tinnomina l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2017 fid-Danimarka u f'Ċipru u l-Kapitali Ewropea tal-Kultura għall-2018 f'Malta (ĠU L 162, 14.6.2013).

8 Ir-Regolament (UE) Nru 1295/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Programm Ewropa Kreattiva (2014 sa 2020) u li jirrevoka d-Deċiżjonijiet Nru 1718/2006/KE, Nru 1855/2006/KE u Nru 1041/2009/KE (ĠU L 347, 20.12.2013).

kostruzzjoni u infrastruttura fiż-żona tax-xatt tal-baħar, inkluż "Dokk1" – librerija pubblika ġdida u ċentru tal-kultura li juri installazzjonijiet artistiċi. L-applikazzjoni kellha wkoll l-għan li tippromwovi governanza aktar koeżiva fir-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali, li jinkludi 19-il muniċipalità.

Il-proġett Aarhus 2017 ġie ppreżentat bin-narrattiva "Ejja Nibdlu l-Mod ta' kif Naħsbu". L-għan ġenerali kien li jinbidlu l-mentalitajiet fil-belt, fir-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali u fl-Ewropa permezz ta' esperjenzi kulturali, u li jiġu enfasizzati t-tliet valuri ewlenin tas-sostenibbiltà, id-diversità u d-demokrazija, li huma essenzjali għall-proġett tal-UE. Il-programm kulturali kien strutturat fuq erba' staġuni, u kull wieħed minnhom tnieda permezz ta' avveniment "MEGA" fil-miftuħ u fuq skala kbira. Barra minn hekk, kull staġun organizza tliet avvenimenti ta' Qamar Kwinta, fuq skala iżgħar mill-avvenimenti "MEGA". Minbarra dawn l-avvenimenti, il-programm ippreżenta aktar minn 350 proġett, konferenza u festival artistiċi u kulturali.

# 3. EVALWAZZJONI

## 3.1. It-termini tal-evalwazzjoni

L-evalwazzjoni tistħarreġ l-implimentazzjoni u t-twassil taż-żewġ programmi ECOC għall-2017 tul il-perjodu kollu tagħhom, mill-bidu nett sal-kunsiderazzjonijiet dwar is-sostenibbiltà u l-legat.

B'mod speċifiku, l-evalwazzjoni tivvaluta r-rilevanza, l-effiċjenza u l-effikaċja taż-żewġ ECOC għall-2017. Teżamina wkoll il-valur miżjud tal-UE, u l-koerenza u l-komplementarjetà tal-Azzjoni ECOC[9] fir-rigward ta' inizjattivi oħra tal-UE. Fl-aħħar, tislet konklużjonijiet li jirriżultaw miż-żewġ esperjenzi.

## 3.2. Il-metodoloġija u l-limitazzjonijiet tal-approċċ magħżul

L-evalwazzjoni u l-metodoloġija tagħha tfasslu biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE, u biex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' fehim aktar iddettaljat fir-rigward tal-prestazzjoni u l-kisbiet tal-Azzjoni ECOC. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni tiftaħ bibien ta' opportunitajiet kbar biex terġa' tiġi kkunsidrata s-sena ta' qabel minn għajnejn kritiċi, ħalli jiġu enfasizzati l-lezzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għat-tfassil mill-ġdid tal-għerf u l-għarfien attwali fid-dawl tal-esperjenzi l-ġodda tal-bliet ospitanti.

Kif sar fl-evalwazzjonijiet preċedenti, il-loġika tal-intervent hija bbażata fuq ġerarkija ta' objettivi li jikkorrispondu mad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

Sabiex ir-riżultati jkunu jistgħu jitqabblu, il-metodoloġija għal din l-evalwazzjoni mxiet mal-approċċ tal-ġbir tal-evidenza u tal-analiżi li ġie adottat fil-valutazzjonijiet preċedenti tal-Azzjoni ECOC[10].

L-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq żewġ tipi ta' *data* u fuq is-sorsi rispettivi:

- Id-*data* primarja kienet tinkludi d-*data* li nġabret waqt riċerka fuq il-post jew li ngħatat minn kull ECOC, fosthom intervisti, kwestjonarji u stħarriġ online; b'mod partikolari, l-intervisti kellhom l-għan li jiksbu diversi perspettivi fuq kull ECOC, inklużi dawk tat-timijiet tal-maniġment, ta' min jieħu d-deċiżjonijiet fil-livelli lokali u nazzjonali, tal-operaturi kulturali ewlenin, ta' firxa ta' sħab involuti fit-twettiq tal-programm u ta' kampjun ta' organizzazzjonijiet li mexxew jew ħadu sehem fil-

[9] Id-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

[10] Ara r-rapporti tal-evalwazzjoni preċedenti disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/actions/capitals-culture_en.htm

proġetti proprja. Għall-kuntrarju tal-evalwazzjonijiet preċedenti tal-ECOC, din l-evalwazzjoni inkludiet ukoll Konsultazzjoni Pubblika, li kienet mezz miftuħ inklużiv u aċċessibbli li permezz tiegħu l-persuni u l-organizzazzjonijiet setgħu jikkontribwixxu l-ħsibijiet u l-opinjonijiet tagħhom fl-evalwazzjoni tal-ECOC;

- Fost is-sorsi tad-*data* sekondarja hemm dokumenti tal-UE, offerti u applikazzjonijiet oriġinali, rapporti interni marbuta mal-proċessi ta' applikazzjoni, rapporti tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, studji u rapporti magħmulin jew ikkummissjonati mill-ECOC, il-programmi tal-avvenimenti, materjali promozzjonali u siti web, *data* statistika dwar il-kultura u t-turiżmu, u *data* kwantitattiva mogħtija mill-ECOC dwar il-finanzi, l-attivitajiet, l-eżiti u r-riżultati.

Kif kien il-każ bl-evalwazzjonijiet ex post kollha preċedenti tal-ECOC, il-Kummissjoni jidhrilha li l-metodoloġija adottata hija xierqa biex isir rapport li jipprovdi bażi raġonevolment soda li minnha jistgħu jinsiltu konklużjonijiet siewja dwar il-prestazzjoni tal-ECOC.

Madankollu, kif diġà ġie enfasizzat fir-rapport tas-sena li għaddiet, in-nuqqas ta' *data* bażi biex tkun integrata fi studju komparattiv tal-belt, qabel ma din tikseb it-titlu, fil-bidu tas-sena tat-titlu u wara l-implimentazzjoni tas-sena ECOC, jibqa' jirrappreżenta limitazzjoni. Din id-*data* hija kruċjali biex tinkiseb perspettiva bbilanċjata, sostnuta minn *data* bażi komprensiva u raġunata, tal-impatt reali tal-Azzjoni ECOC fuq belt.

Madankollu, il-baġit allokat għall-ħidma tal-evalwazzjoni (bejn wieħed u ieħor EUR 75 000 kull sena), li huwa proporzjonat mal-livell baxx ta' finanzjament tal-UE mogħti direttament mill-UE lil kull ECOC ospitanti (il-Premju Melina Mercouri ta' EUR 1.5 miljun), ma jagħmilhiex possibbli li jsiru studju ("bażi") ta' qabel u studju ("ex post") ta' wara. Konsegwenza addizzjonali tal-baġit limitat hija li l-ġbir tad-*data* tal-evidenza primarja għandu t-tendenza li jkun aktar kwalitattiv milli kwantitattiv; filwaqt li d-*data* kwalitattiva għad għandha importanza kbira fl-evalwazzjoni, in-nuqqas ta' diversità ta' sorsi tad-data iwassal għal inqas affidabbiltà, pereżempju, fil-proċess li bih jiġu ppruvati l-eżiti u l-impatti oġġettivi tal-ECOC fuq il-parteċipazzjoni usa' fil-kultura.

Barra minn hekk, bħala għodda ta' konsultazzjoni, il-konsultazzjoni pubblika – li ġiet ittestjata għall-ewwel darba għal evalwazzjoni ex post tal-ECOC – ipprovdiet sett relattivament limitat ta' sejbiet peress li b'kollox waslu biss 76 tweġiba. Forsi dan jista' jinftiehem peress li t-tlestija tal-istħarriġ kienet tirrikjedi li r-rispondent ikun jaf dwar l-attivitajiet tal-ECOC fl-ibliet (u idealment ikun attendiehom).

Għalhekk, ir-rapport u l-konklużjonijiet tiegħu huma ssostanzjati b'bażi wiesgħa ta' *data* kwalitattiva (eż. il-fehmiet u l-opinjonijiet ta' diversi tipi ta' partijiet ikkonċernati) aktar milli b'sett ta' *data* kwantitattiva komprensiva.

Il-Kummissjoni hi konxja – u taċċetta – bis-sħiħ dawk il-limitazzjonijiet li diġà ġew identifikati u kkomunikati, f'dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja l-proposta għal Deċiżjoni li tistabbilixxi Azzjoni tal-Unjoni għall-ECOC għas-snin mill-2020 sal-2033[11], u fir-rapporti preċedenti tagħha dwar evalwazzjonijiet ex post tal-ECOC.

Rigward din id-diffikultà, il-proposta sussegwenti tal-Kummissjoni u d-Deċiżjoni li fl-aħħar ġiet adottata mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill[12] jipprevedu li l-bliet innominati stess – li huma l-fundaturi u l-benefiċjarji ewlenin tal-Azzjoni ECOC u li jinsabu f'pożizzjoni aħjar biex jiksbu d-*data* bażi u jiġbru d-*data* primarja dwar l-impatt tat-titlu – isiru l-implimentaturi ewlenin tal-proċess tal-evalwazzjoni.

[11] Ara SWD (2012) 226 final, il-punt 2.4.4.

[12] Id-Deċiżjoni 445/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna.

Madankollu, dan l-obbligu ġdid li jirrikjedi li l-ECOC – minflok il-Kummissjoni –twettaq evalwazzjoni ex post tas-sena tat-titlu tagħhom, se tibda tapplika biss mit-titli tal-2020. Għall-ECOC tal-2018 u tal-2019, il-Kummissjoni se tkompli twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess bil-limitazzjonijiet deskritti hawn fuq. Iktar ’il quddiem, il-Kummissjoni se twettaq ukoll evalwazzjoni ġenerali li tinkludi diversi snin tal-ECOC, u b'hekk se tippermetti li jitkejjel l-impatt fit-tul tal-Azzjoni ECOC, kif indikat fid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE.

Ta' min jenfasizza wkoll li Pafos u Aarhus ikkummissjonaw attivitajiet ta' riċerka lokali – ilkoll bl-għajnuna tal-Università Neapolis ta' Pafos u l-Università ta' Aarhus – biex itejbu l-fehim tagħhom dwar l-impatt tal-ECOC, kif ukoll li l-eżiti ta' dawn l-attivitajiet ikkontribwew għall-evalwazzjoni tal-Kummissjoni kull meta kien possibbli.

Bħala konklużjoni, minkejja n-nuqqas ta' *data* kwantitattiva u ta' evidenza oħra indipendenti, il-Kummissjoni jidhrilha li hemm bażi biżżejjed fl-evidenza miġbura biex tappoġġja l-evalwazzjoni u taqsam il-valutazzjoni u l-konklużjonijiet ġenerali tagħha, li huma meqjusa li jipprovdu stampa ġenerali reali u infurmata tal-Azzjoni ECOC għall-2017.

## 4. SEJBIET EWLENIN

### 4.1. Ir-rilevanza tal-Azzjoni ECOC u tal-ECOC għall-2017

Skont is-sejbiet tal-evalwazzjoni, iż-żewġt ibliet ospitanti fasslu u implimentaw programmi kulturali li kienu konsistenti mal-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u rilevanti għalih, fejn jidħol il-kontribut tal-Unjoni "għat-twarrid tal-kulturi tal-Istati Membri". Bħala ospitanti tal-ECOC, dawn ikkontribwew ukoll għall-iżviluppi ekonomiċi u soċjali fiż-żewġt ibliet, li huwa konsistenti mal-għanijiet tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE.

L-evalwazzjoni tikkonkludi li għalkemm il-programm ta' Pafos kellu firxa aktar limitata mill-maġġoranza tal-programmi preċedenti tal-ECOC (l-aktar minħabba d-daqs żgħir tal-belt), irnexxielu jenfasizza l-wirt kulturali ta' Pafos f'kuntest Ewropew, (il-ħtieġa għal) l-interkonnessjonijiet bejn il-persuni fil-belt u lil hinn minnha, kif ukoll il-ħtieġa għal djalogu interkulturali. Il-programm għen ukoll kemm lill-udjenzi lokali kif ukoll lil dawk barranin biex isiru jafu aktar dwar il-kultura Ċiprijotta u jsiru aktar midħla ta' kulturi u tradizzjonijiet oħra.

Aarhus ħolqot programm b'objettivi ċari u fit-tul, li jenfasizza d-diversità tal-kulturi Ewropej u jinteraġixxi b'mod koerenti mal-istrateġija usa' tal-iżvilupp tal-belt. Il-programm iffoka fuq iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-belt, filwaqt li jattira turisti lokali u internazzjonali, itejjeb l-infrastrutturi kulturali tagħha, u jżid l-udjenzi u l-parteċipazzjoni proattiva taċ-ċittadini fl-attivitajiet kulturali. Il-programm kellu wkoll dimensjoni reġjonali importanti fil-kuntest tar-Reġjun tad-Danimarka Ċentrali li kien għadu kif inħoloq.

### 4.2. Effiċjenza

B'mod ġenerali, l-evidenza disponibbli tissuġġerixxi li l-ECOC għadha Azzjoni tal-UE effiċjenti li tipprovdi livelli tajbin ta' rendiment fil-livell tal-UE għal investiment tal-UE relattivament limitat: l-għoti tat-titlu nnifsu għandu effett ta' ingranaġġ sostanzjali fuq l-ammont ta' finanzjament li l-bliet ospitanti jiddedikaw għat-tfassil u għat-twettiq tal-programm kulturali tal-ECOC, u jiġġenera b'mod sinifikanti interess u finanzjament minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet reġjonali u nazzjonali u kontributuri privati. Barra minn hekk, il-valur assolut tal-Premju Melina Mercouri, li huwa l-unika kontribuzzjoni monetarja diretta li l-bliet ospitanti jirċievu mill-Unjoni Ewropea, huwa limitat (EUR 1.5 miljun għal kull ECOC) meta mqabbel mal-ispejjeż ġenerali ta' ECOC: in-

neqfa operattiva tal-ECOC għall-2017 kienet ta' madwar EUR 66.7 miljun għal Aarhus u ta' EUR 8.5 miljun għal Pafos.

Fil-livell tal-bliet, kemm Pafos kif ukoll Aarhus stabbilew mekkaniżmi ta' twettiq u arranġamenti ta' governanza b'saħħithom u b'suċċess, u t-tnejn li huma użaw l-aktar fondi nazzjonali, reġjonali u lokali iżda anke, sa ċertu punt, fondi tal-UE biex jimplimentaw programmi kulturali ta' kwalità artistika għolja li jagħmlu parti mill-attivitajiet kulturali regolari annwali tagħhom.

Madankollu, l-evalwazzjoni turi wkoll li meta tiġi ospitata l-ECOC, din tibqa' għażla li tirrikjedi użu intensiv tar-riżorsi u li timplika impenn fit-tul matul is-snin ta' tħejjija, li jista' jkun diffiċli biex jinżamm: pereżempju, Pafos esperjenzat tnaqqis sinifikanti fil-baġit reali tagħha meta mqabbel mal-istadju tal-offerta oriġinali (tnaqqis ta' aktar minn 60 %), li minħabba proposta oriġinali li kienet ambizzjuża żżejjed, iżda anke minn kriżi finanzjarja li poġġiet pressjoni kbira fuq is-setturi tal-baġit pubbliku fil-livelli territorjali kollha.

## 4.3. Effikaċja

Iż-żewġ ECOC li ngħataw it-titlu rnexxielhom jissodisfaw l-objettivi fuq perjodu ta' żmien qasir li kienu stabbiliti fl-applikazzjonijiet tagħhom, l-aktar fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' programmi kulturali estensivi u innovattivi b'dimensjoni Ewropea u bl-involviment ċar taċ-ċittadini. Madankollu, il-prestazzjoni ta' Pafos abbażi tal-objettivi tagħha kienet limitata mit-tnaqqis qawwi fil-baġit tagħha meta mqabbel maċ-ċifra li ġiet proposta fl-applikazzjoni. Minkejja li għandhom viżjonijiet, programmi u stili ta' implimentazzjoni differenti għalkollox, iż-żewġt ibliet użaw l-ECOC b'mod effikaċi biex jesploraw u jelaboraw temi ta' interess lokali b'reżonanza Ewropea.

Matul l-2017, iż-żewġ ECOC tejbu l-firxa, id-diversità u d-dimensjoni Ewropea tal-offerta kulturali fil-bliet rispettivi tagħhom, u ppreżentaw programmi kulturali li kienu aktar estensivi, diversi, innovattivi u internazzjonali meta mqabbla mal-offerta bażi kulturali fis-snin preċedenti. Bħala eżempju, f'Aarhus ġew implimentati 442 proġett ewlieni u f'Pafos ġew implimentati 168 proġett ewlieni, li l-maġġor parti tagħhom marru lil hinn mill-programmazzjoni annwali normali taż-żewġt ibliet. Barra minn hekk, f'Aarhus, 1 200 artist internazzjonali kkontribwew għall-programm u 79 % tal-proġetti kellhom sieħeb internazzjonali u/jew wettqu skambju kulturali fl-Ewropa, filwaqt li f'Pafos 29 % tal-proġetti kienu produzzjonijiet internazzjonali u 11 % oħra kienu kollaborazzjonijiet bejn artisti Ċiprijotti u internazzjonali. Matul l-2017, iż-żewġ ECOC żiedu l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha, għalkemm l-evidenza hija aktar b'saħħitha f'Aarhus milli f'Pafos b'udjenza totali ta' 3.3 miljun. Iż-żewġ ECOC għenu biex tissaħħaħ il-kapaċità kulturali tas-setturi kulturali u kreattivi lokali u r-rabtiet tagħhom ma' setturi oħra. Bħala eżempju, Aarhus 2017 żied l-isponsorizzazzjoni kulturali u ġab benefiċċji ekonomiċi pożittivi għas-setturi kulturali u kreattivi. Pafos 2017 saħħaħ l-iżvilupp tal-udjenza, serva bħala katalista għal investimenti fl-infrastruttura kulturali, u żviluppa l-ħiliet u l-kapaċità tal-operaturi kulturali lokali. L-ECOC saħħaħ il-profil internazzjonali ta' Aarhus permezz tal-kultura, filwaqt li f'Pafos, l-ECOC għenet biex l-udjenzi għall-kultura jsiru aktar internazzjonali.

Fl-aħħar, l-evalwazzjoni tasal għall-konklużjoni li ż-żewġ ECOC għall-2017 joffru potenzjali differenti ħafna għas-sostenibbiltà tal-attivitajiet tagħhom u għat-titjib fil-governanza kulturali. Għal Aarhus, il-proġett tal-ECOC iġġenera potenzjal għal impatt fit-tul permezz tal-ħiliet u l-esperjenza miksuba mill-operaturi kulturali, l-involviment taċ-ċittadini, udjenzi akbar u profil internazzjonali aktar b'saħħtu. Pafos sejra tesperjenza wkoll xi benefiċċji fit-tul, iżda ftit li xejn sar xogħol biex jiġi żgurat li dawn il-benefiċċji jiżdiedu kemm jista' jkun.

### 4.4. Koerenza

L-Azzjoni ECOC hija rilevanti u komplementari għal varjetà ta' politiki u programmi tal-UE, filwaqt li ma taffettwax biss lill-partijiet ikkonċernati iżda anke lil dawk relatati mal-impjiegi (pereżempju l-impatt tagħha fuq il-bini tal-kapaċità) jew mat-turiżmu (pereżempju, fl-2017 l-għadd ta' kmamar okkupati fil-lukandi żdied b'10.9 % fir-reġjun ta' Aarhus).

L-Azzjoni ECOC hija koerenti u kumplimentari wkoll mal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, skont il-kuntest ta' kull belt li ngħatat it-titlu. Fil-każ ta' Pafos, il-FEŻR intuża fis-snin ta' qabel l-2017 biex jiġu kofinanzjati investimenti essenzjali fir-restawr taċ-ċentru tal-belt u fir-rinnovazzjoni ta' postijiet ewlenin, bħal teatru u ċinema.

### 4.5. Valur miżjud tal-UE

Kif diġà ssemma u ntwera hawn fuq, l-Azzjoni ECOC kisbet impatt li ma kienx jinkiseb bl-azzjonijiet tal-Istati Membri waħedhom.

It-"tikketta" nnifisha hi aspett ewlieni tal-valur miżjud tal-UE tal-Azzjoni ECOC, peress li taġixxi bħala ġeneratur sinifikanti ta' interess mill-partijiet ikkonċernati mhux biss tal-belt iżda anke ferm lil hinn minnha, u toffri opportunità kbira għall-kooperazzjoni Ewropea mil-lat ta' sħubija u trasferiment ta' prattiki tajba, pereżempju fil-bini ta' governanza soda għat-twassil tal-ECOC, iż-żieda fil-kapaċità tal-organizzazzjonijiet kulturali lokali, jew billi tattira ideat ta' proġetti mir-residenti lokali.

## 5. Konklużjonijiet

Minn dan ir-rapport, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Azzjoni ECOC għadha rilevanti fil-livell tal-UE kif ukoll siewja ħafna għall-bliet ospitanti, u tiġġenera programmi kulturali estensivi b'riżultati u impatti pożittivi li, madankollu, ma jistgħux jiġu vvalutati għalkollox fl-istadju attwali tal-evalwazzjoni peress li għadu kmieni wisq wara l-implimentazzjoni tas-sena ECOC. Dawn jistgħu jiġu vvalutati fi stadju aktar tard fil-qafas tal-evalwazzjoni fit-tul li ssemmiet hawn fuq.

Il-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-programmi implimentati miż-żewġt ibliet li ngħataw it-titlu fl-2017 kienu konsistenti mal-objettivi tal-Azzjoni tal-ECOC; matul l-2017, il-programmi rriflettew id-dimensjoni Ewropea tagħha, involvew lir-residenti lokali u lill-partijiet ikkonċernati, u żiedu l-aċċess għall-kultura u l-parteċipazzjoni fiha, għalkemm l-evidenza hija aktar b'saħħitha f'Aarhus milli f'Pafos minħabba – fil-parti l-kbira – il-baġit limitat li abbażi tiegħu operat din tal-aħħar. Il-programmi għenu wkoll biex tissaħħaħ il-kapaċità kulturali tas-setturi kulturali u kreattivi lokali u r-rabtiet tagħhom ma' setturi oħra. L-ECOC saħħet il-profil internazzjonali ta' Aarhus permezz tal-kultura, filwaqt li fiż-żewġt ibliet l-ECOC għenet biex l-udjenzi għall-kultura jsiru aktar internazzjonali. Fiż-żewġ każijiet, is-sena tal-ECOC tista' twassal għal xi legati (kemm fiżiċi kif ukoll intanġibbli), għalkemm f'Pafos m'hemmx ippjanar tal-legat xieraq, li juri li l-legat dejjem se jkun ta' sfida fl-ibliet ospitanti żgħar tal-ECOC.

Dawn is-sejbiet ewlenin jikkonfermaw dawk li ħarġu mill-evalwazzjonijiet tal-ECOC għall-2016 u preċedenti, jiġifieri li dawk li jingħataw it-titlu tal-ECOC jwettqu programmi kulturali li huma aktar estensivi u innovattivi mill-offerta kulturali annwali normali tal-bliet, b'dimensjoni Ewropea qawwija u li jkunu jinvolvu kemm liċ-ċittadini lokali kif ukoll lil viżitaturi internazzjonali, f'konformità mal-objettivi tat-Trattat u l-Azzjoni tal-ECOC.

Mill-valutazzjoni ħarġu għadd limitat ta' elementi li jeħtieġu titjib, bħall-ħtieġa li jiġu stabbiliti arranġamenti istituzzjonali fi żmien xieraq, li jinbena tim tat-twassil stabbli u effettiv li jibbenefika minn appoġġ politiku qawwi, li jkunu żgurati l-impenn u l-involviment fil-livell

nazzjonali, kif ukoll il-bilanċ tajjeb bejn il-kontroll u l-indipendenza artistika, li jinżamm l-impenn tal-partijiet ikkonċernati kulturali, li tiġi integrata l-kooperazzjoni Ewropea fil-programm kulturali filwaqt li tkun segwita wkoll b'mod attiv il-parteċipazzjoni usa' fil-kultura, u li l-ippjanar tal-legat isir fi stadju bikri[13].

Il-firxa u t-tul tal-evalwazzjoni annwali li l-Kummissjoni twettaq skont l-Artikolu 12 tad-Deċiżjoni Nru 1622/2006/KE ma jippermettux li jiġi kkunsidrat l-impatt fit-tul tal-ECOC. Għalhekk, il-Kummissjoni hija lesta li tirrevedi tali impatt bħala parti mill-eżerċizzju ta' evalwazzjoni previst fl-Artikolu 16 tad-Deċiżjoni Nru 2014/445/UE. Din l-evalwazzjoni "għandh[a] [t]iffoka[ ] biex [t]qiegħ[ed] [il]-Kapitali Ewropej tal-Kultura kollha tal-imgħoddi f'kuntest Ewropew, b'mod li jistgħu jsiru paraguni u jittieħdu tagħlimiet għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura tal-ġejjieni, kif ukoll għall-bliet Ewropej kollha". Abbażi tar-riżultati tal-istudju li ġie ppubblikat f'Diċembru 2017 dwar "European Capitals of Culture: Success Strategies and Long-Term Effects"[14] (Il-Kapitali Ewropej tal-Kultura: Strateġiji ta' Suċċess u Effetti fit-Tul), dan se jippermetti li jiġi analizzat l-impatt fit-tul.

Barra minn hekk, għandu jsir aktar xogħol biex l-ECOC innominati u futuri jiġu megħjuna fl-approċċi tagħhom għall-evalwazzjoni, inkluż dwar l-użu tal-big data. Sabiex tagħmel dan, f'nofs l-2018 il-Kummissjoni aġġornat il-linji gwida tagħha fir-rigward tal-evalwazzjonijiet proprji tal-bliet, li issa jkopru wkoll il-kunċett ta' "big data"[15]. Barra minn hekk, f'Settembru 2018, din ippubblikat sejħa għall-offerti bil-għan li toħloq grupp ta' esperti u li tipprovdi servizzi ta' bini ta' kapaċità u attivitajiet ta' tagħlim bejn il-pari fit-timijiet tat-twassil tal-ECOC li jmiss. Il-pakketti ta' taħriġ previsti fis-sejħa jinkludu s-suġġett tal-monitoraġġ u l-evalwazzjoni. Il-kuntrattur se jintgħażel fl-ewwel nofs tal-2019.

Fir-rigward tal-arranġamenti ta' monitoraġġ, il-Kummissjoni tirrimarka l-fatt li bħalissa hija involuta fi djalogu mal-bord dwar kif għandu jiġi żgurat bl-aħjar mod li l-ECOC futuri jonoraw l-impenji li jagħmlu fl-applikazzjonijiet tagħhom, b'mod partikolari l-impenji finanzjarji tagħhom. Ir-rapporti ta' progress u ta' monitoraġġ magħmula mill-bord diġà jikkunsidraw b'mod espliċitu l-kwistjonijiet koperti mill-kriterji tal-għażla stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE.

Fl-aħħar, fir-rigward tal-viżibbiltà tal-paġni tal-ECOC fuq is-sit web Europa, il-Kummissjoni tenfasizza li tinsab fil-proċess li tirrevedi kemm is-sit web Kultura kif ukoll is-sit web Ewropa Kreattiva, u li se jiġi kkunsidrat kif l-Azzjoni tal-ECOC tista' tiġi ppreżentata aħjar f'dan il-kuntest.

[13] Ara l-kompendju tar-rakkomandazzjonijiet preċedenti fuq: https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/sites/creative-europe/files/library/ecoc-compendium-recommendations_en.pdf.

[14] Ara: http://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/etudes/join/2013/513985/IPOL-CULT_ET(2013)513985_EN.pdf.

[15] Ara: https://ec.europa.eu/programmes/creative-europe/sites/creative-europe/files/library/guidelines-for-cities-own-evaluations-modmai18.doc.pdf.